MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 5/2013

**Direttur ghas-Servizzi Koporattivi**

**-vs-**

**Franks Garage Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors mahluf tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi li jaqra hekk:

Illi r-rikors 519/2012/1 fl-atti tal-ittra ufficjali 519/2012 fl-ismijiet Direttur ghas-Servizzi Korporattivi vs Franks Garage Limited gie deciz b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Novembru, 2012 permezz ta' liema sentenza l-Qorti ddikjarat illi t-talba maghmula fl-ittra ufficjali tal-11 ta' Settembru, 2012, li dwarha sar ir-rikors tinsab ampjament preskritta a tenur tal-artikolu 2156(g) tal-Kap 16, u ddikjarat l-ammont mitlub f'din l-ittra ufficjali

bhala li mhux dovut u konsegwentement li l-istess ittra ufficjali mhix esegwibbli ghall-fini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 bl-ispejjez ikunu a karigu tad-Direttur Servizzi Korporattivi.

Illi r-rikorrent irid jipprevalixxi ruhu mill-fakolta' moghtija lilu bl-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u jitlob li tigi mhassra din is-sentenza filwaqt li jinterponi ritrattazzjoni mill-istess sentenza.

Illi r-rikorrent qieghed jitlob li ssir ritrattazzjoni abbazi tal-artikolu 811(b) li jaghti lok ghal ritrattazzjoni ta' kawza, jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza.

Illi r-rikorrent qieghed jitlob li ssir ritrattazzjoni abbazi tal-artikolu 811(b) li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni ta' kawza, jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza.

Illi r-rikorrent umilment jissottometti li hu qatt ma gie notifikat bl-imsemmi rikors jew nota ta' oppozizzjoni ta' Franks Garage Limited kif jidher mid-dokument mehmuz Dok MEIB 1. Infatti din kienet l-unika raguni ghaliex huwa ma attendiex ghas-seduta ffissata minn din l-Onorabbli Qorti ghas-smiegh tar-rikors u kien ghalhekk ukoll li ma pprezentax risposta ghar-rikors ta' Franks Garage Limited.

Illi l-avukat tad-Dipartiment Dr Francelle Saliba saret taf biss bis-sentenza fl-24 ta' Mejju 2013 – Dikjarazzjoni guramentata annessa Dok MEIB 2 - meta fuq talba taghha, bil-ghan li tifformola mandat, irceviet it-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez tal-ittra ufficjlai nru 519/2012 Dok MEIB 3 anness, f'liema taxxa kien hemm indikat li Franks Garage Limited intavola Nota ta' oppozizzjoni fit-12 ta' Ottubru 2012, u f'liema taxxa ukoll gie korrett l-isem tal-Qorti fit-28 ta' Mejju 2013.

Illi r-rikorrenti jissottometti li peress li ma giex notifikat ma setax ikun rispettat il-principju tal-*audi alteram partem* fl-ghoti tas-sentenza. Jigi b'hekk li hawn ghandna kaz fejn jezistu l-estremi taht l-artikolu 811(b) li s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2012 tigi mhassra u l-kawza terga' tigi trattata mill-gdid halli b'hekk ir-rikorrent jinghata l-opportunita' xierqa li jiddefendi l-kaz tieghu.

Illi r-rikorrent jissottometti li d-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Novembru 2012 ma nghatatx fil-forma ta' sentenza ffirmata izda kienet irrekordjata biss fil-minuti tas-seduta u ghalhekk huwa dubjuz jekk id-decizjoni tikkwalifikax bhala sentenza valida fit-termini tal-ligi.

Ghaldaqstant l-attur filwaqt li ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Inferjuri) fis-27 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet fuq premessi, irrizerva li jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrulu xierqa, qieghed jitlob lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Inferjuri) fis-27 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet Direttur ghas-Servizzi Korporattivi vs Franks Garage Limited skont l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u (2) tordna li l-istess kawza li taghha s-sentenza tkun giet imhassra in segwitu ta' l-ewwel talba tar-ritrattant terga' tinstema' mill-gdid, bl-ispejjez kontra s-socjeta' ritrattata.

Illi r-ritrattat eccepixxa s-segwenti:

Illi d-decizjoni li qeghdha tigi attakkata hija wahda li saret wara proceduri taht l-art. 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn il-proceduri ghalkemm isiru fil-kontradittorju tal-partijiet involuti, ma humiex 'kawza' fil-veru sens tal-kelma. Tant li ma hemm l-ebda appell mid-decizjoni ahharija, bhalma jigri fil-kaz ta' kawza ordinarja. Huma proceduri specjali. Ghaldaqstant bhala tali, ma jaqghux taht id-definizzjoni ta' 'kawza deciza b'sentenza' imsemmija taht l-artiklu 811 KOPC. Il-legislatur kellu f'mohhu sentenzi moghtija wara kawzi ordinarji biss. Kawzi bhal dawn huma soggetti kollha

ghall-appell (salv restrizzjonijiet espresso f'kazijiet specifici).

Tant li l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa principalment intiz ghal sentenzi mill-Qorti tal-Appell li meta, eccezzjonalment, jaghti dritt ghar-ritrattazzjoni minn Qorti tal-Prim Istanza, il-legislatur jaghti dan id-dritt biss kemm-il darba l-persuna kkoncernata ssir taf bil-fatti wara li jkun ghadda t-terminu tal-appell. Proceduri specjali, bhal dawk taht Art. 166A u Art 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jaghtux lok ghar-ritrattazzjoni. Dan anke billi kif inhuwa notorju, dan l-istitut huwa ta' interpretazzjoni strettissima. Dan gie affermat in re: **Philip O. Gatt vs Adrian Busietta – Prim Awla Imhallef J.R. Micallef 09.05.2002** (b'reazzjoni ghal sottomissjoni simili f'dik il-kawza ta' ritrattazzjoni dwar decizjoni fi proceduri fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni) il-Qorti rrimarkat li:

*Illi huwa maghruf li llum il-gurnata, fis-sistema procedurali Malti, iddahhlu ghadd gmielu ta' azzjonijiet li jinbdew bil-procedura tar-rikors. Dan wiehed l-izjed li jsibu f'ligijiet specjali*[1]*, u l-proceduri li jitnisslu minn azzjonijiet specjali bhal dawn ghandhom min-natura ta' kawzi shah, bil-provvediment ahhari moghti jikkostitwixxi sentenza fil-veru sens tal-kelma. Huwa b'xebh ma' dawn l-ghamliet ta' proceduri li l-atturi tal-lum qeghdin jghidu li l-ligi nehhiet kull distinzjoni bejn sentenzi u degrieti;*

*Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-atturi, ghaliex dak li japplika ghal dawk il-proceduri "specjali" ma jidholx fil-kwestjoni li ghandha quddiemha l-Qorti llum f'dan il-kaz. Fl-ewwel lok, fejn fl-1995 il-legislatur ried li japplika istituti procedurali billi jwessaghhom ukoll ghall-procedura tar-rikors, hekk ghamel espressament. F'dan il-kaz, meta saru l-bidliet fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, fit-Titolu IV tat-Tieni Ktieb tal-Kap 12, ma ssemma xejn dwar smigh mill-gdid minn proceduri mibdija b'rikors, u izjed u izjed b'rikors fl-atti ta' mandat*

[1] Ara, per ezempju, art 73 tal-Kap 37, art 22 tal-Kap 101 u art. 218 u 402 tal-Kap 386

*kawtelatorju (bhalma huwa l-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum) li gie dekretat u maghluq;*

Ghal dak li jiswa, wiehed jista' jara wkoll **G.Mercieca**, *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi, pagna 60-63* fejn hija ccitata sentenza **Dr Joseph Fenech v. Bernard Elliot Smith (Qorti tal-Appell 09.04.2001)** li stabbiliet li registrazzjoni ta' sentenza estera ma kinitx soggetta ghar-ritrattazzjoni.

Illi ghalhekk, kjarament, it-talba ghar-ritrattazzjoni hija rrita u nulla. Ir-ritrattandi jista' jkollha rimedji ohrajn miftuhin ghaliha, izda certament ir-rimedju eccezzjonali u straordinarju tar-ritrattazzjoni mhux wiehed minnhom.

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma d-decizjoni tas-27 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet Direttur ghas-Servizzi Korporattivi vs Franks Garage Limited.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, kif ukoll l-atti relattivi ghar-rikors 519/2012.

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza ghallum.

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' dan ir-rikors qeghdha tigi mitluba r-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru 2012 u dan abbazi ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap 12.

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:

- Fil-11 ta' Settembru 2012 id-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastuttura, Trasport u Komunikazzjoni (imsejjah 'Id-Direttur') ipprezenta ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'

Malta li permezz taghha interpella lil Franks Garage Limited sabiex ihallas is-somma ta' €4250.22 rapprezentanti hlas f'arretrati tal-licenzja li ghalqet fit-28 ta' Frar 1998.

- Fit-12 ta' Ottubru 2012, Franks Garage Limited ipprezenta rikors a tenur ta' l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 li permezz tieghu oppona l-ittra ufficjali u preliminarjament eccepixxa l-preskrizzjoni.

- Permezz tad-digriet tat-30 ta' Ottubru 2012, il-Qorti ordnat notifika tar-rikors lid-direttur bi zmien 20 jum ghar-risposta u appuntat u rikors ghas-smigh ghat-Tlieta 27 ta' Novembru 2012.

- Mill-atti tal-ittra ufficjali numru 519/12 jirrizulta li d-Direttur ma giex notifikat bl-avviz ghas-smigh tar-rikors[2].

- Fis-27 ta' Novembru 2012 id-Direttur jew rapprezentant tieghu ma dehrux.

- Mill-verbal tal-qorti jirrizulta li semghet dikjarazzjoni bil-gurament ta' Frank Refalo li deher ghan-nom ta' Franks Garage Limited li huwa qatt ma rcieva ittra ufficjali ohra qabel dik ricevuta tal-11 ta' Settembru 2012 in konnessjoni mal-ammont.

- Ghalhekk, fl-istess verbal il-qorti pprocediet hekk:

"Il-Qorti, billi t-talba maghmula fl-ittra ufficjali tal-11 ta' Settembru, 2012 tinsab ampjament preskritta a tenur tal-artikolu 2156(g) tal-Kap 16, tiddikjara l-ammont mitlub f'din l-ittra ufficjali bhala li mhux dovut u konsegwentement l-istess ittra ufficjali mhix esegwibbli ghal-fini tal-artikolu 466 tal-Kap 12.

Spejjez ikunu a karigu tad-Direttur Servizzi Korporattivi Ministeru Infrastruttura".

[2] Riferta negattiva li ggib id-data 16 ta' Novembru 2012

- Mhux kontestat li d-dipartiment gie a konjizzjoni ta' dak li gara meta l-avukat tad-dipartiment talbet li tinhareg it-taxxa sabiex jigi prezentat mandat ezekuttiv u meta rceviet tali taxxa ndunat li kienet saret nota ta' oppozizzjoni fit-12 ta' Ottubru 2012[3]. Dan kollu giet a konoxxjenza tieghu fl-24 ta' Mejju 2013[4].

L-artikolu 811 tal-Kap 12 jipprovdi:

*'Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:'*
Fost ir-ragunijiet elenkati nsibu s-sub-artikolu 811(b):
*'jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza'.*
L-artikolu 812 jiddisponi illi:
*'Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell.'*
Fl-ahharnett, l-artikolu 818(1)(b) jistipula:

*(1) Iz-zmien li fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd –*
*(b) fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza.'*
Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Said International Limited vs MAC Limited et**[5] l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 *"jippropunja zewg elementi fundamentali, u cjoe, (i) li l-parti telliefa ma tkunx giet notifikata bic-citazzjoni jew bl-att promotur ta' l-azzjoni, u (ii) li ghalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret ghas-smiegh tal-kawza".*

---

[3] Dok MEIB3 a fol 5 tal-process

[4] Dok MEIB2 a fol 4 tal-process

[5] App Civ 7.07.2003, Numru 3/2001PS

Illi mhux kontestat u jirrizulta ampjament mill-atti li d-Direttur ma giex notifikat bid-digriet tal-Qorti li permezz tieghu r-rikors gie appuntat ghas-smiegh. Jirrizulta wkoll li r-rapprezentant tad-Direttur jew id-Direttur innifsu lanqas ma dehru ghas-smiegh. Jirrizulta wkoll li d-Direttur ipproceda bit-talba odjerna fi zmien tlett (3) xhur minn mindu sar jaf b'dak li kien sehh.
Stabbilit dan, din il-Qorti pero' trid tikkunsidra kwistjoni ohra li hija ta' natura prettament legali u cioe' jekk id-Direttur setax jipprocedi bir-rikors guramentat odjern meta jitqies li d-decizjoni li qeghdha tigi attakkata hija wahda li saret in segwitu ghall-proceduri a tenur ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif inhu risaput ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret gudikat. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Cassar et vs Lawrence Attard noe et**[6]
*'Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza ghandha tkun l-ahhar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-sahha taghha titqies bhala s-sewwa maghruf (pro veritate habetur). Kif inghad*[7]*, l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, il-parti telliefa terga' tqajjem il-kwestjoni u tiftahha. Huwa ghalhekk li l-legislatur ried li jaghti espressament, b'mod tassattiv u f'dawn it-termini biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tigi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret gudikat. B'dan il-mod, jekk ghall-kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li ghaddiet in gudikat*[8]*. Minbarra dan, ilu zmien twil stabilit il-principju li s-sahha tar-rabta ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-*

---

[6] Cit Nru: 392/2001JRM deciza fil-25 ta' Settembru, 2003

[7] App Civ 28.6.1973 fil-kawza fl-ismijiet **Caterina Gerada et vs Avukat Dottor Antonio Caruana** (mhix pubblikata)

[8] App Inf, 31.7.1996 fil-kawza fl-ismijiet **Martin Farrugia vs John Mifsud et** (mhix pubblikata).

*parti kienet imcahhda milli tiddefendi lilha nnifisha, ghall-kuntrarju ta' fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma haditx dawk il-passi biex tizgura difiza xierqa[9].*
*Illi l-procedura tar-ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment[10] sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi[11] (imsejha teknikament in rescindente); u fit-tieni post, dik li terga' tinstema' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid (imsejha teknikament in rescissorio)'.*
Kif  inhu maghruf, l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa meqjus bhala rimedju straordinarju governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima, mhux suxxettibbli ghall-interpretazzjoni estensiva izda biss ghal wahda letterali[12] .

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **J. Sammut et noe vs M. Mizzi et[13]** ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju u eccezzjonali inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, ghalhekk, jista' jigi nvokat biss fil-kazijiet tassattivament elenkati fil-ligi u inoltre', id-disposizzjonijiet relattivi ghandhom jigu nterpretati ristrettivament. Konsegwentement ma jistax jigi permess illi ebda wiehed mill-partijiet li, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jipprova jikkrea ghalih tribunal ghat-tielet istanza.

Espost dan, il-Qorti se tghaddi biex tirreferi ghall-artikolu 466 tal-Kap 12 li jipprovdi:
***466.** (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud*

[9] Kumm. 31.3.1894 fil-kawza fl-ismijiet **Zonda vs Parthenis** (Kollez Vol XIV.I.219)

[10] App Civ 5.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwana vs Michael Zammit et**

[11] App Civ 7.12.1936 fil-kawza fl-ismijiet **Wismayer vs Wismayer et** (Kollez Vol XXIX.i.795)

[12] **S. Testaferrata Moroni Viani et vs D. Vella noe,** App Nru: 1317/1990 deciz fl-24 ta' Settembru 2004

[13] App Civ 173/93/2 deciz fit-30 ta' Gunju 2003

*stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpannija jew korp iehor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet oħra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenzja jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti ghall-provdiment ta' ilma u elettriku u ghall-kiri ta' meters relatati izda ma ghandhomx japplikaw meta qabel ma tinghata n-notifika mehtieġa taht is-subartikolu (2), il-persuna li minghandha l-ammont qed jigi mitlub tkun avzat lir-rikorrent sew permezz ta' att gudizzjarju jew permezz ta' ittra registrata li qieghda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.*

*(3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh f'jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien."*

Kwindi meta persuna topponi ghad-dikjarazzjoni notifikata permezz ta' ittra ufficjali dan taghmlu permezz ta' rikors (mhux mahluf). Illi s-socjeta' ritrattata sostniet li proceduri

specjali bhal dawk taht l-artikolu 166A u l-artikolu 466 tal-Kap 12 ma jaghtux lok ghal ritrattazzjoni peress li dawn il-proceduri ghalkemm isiru fil-kontradittorju tal-partijiet involuti ma humiex ‘kawza’ fil-veru sens tal-kelma. In sostenn ta’ tali difiza rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **P. Gatt vs A. Busietta[14].** Permezz ta’ dawk il-proceduri kienet qeghdha tintalab ir-ritrattazzjoni ta’ rikors li kien inghata fl-atti ta’ mandat kawtelatorju. Il-Qorti f’din is-sentenza kienet ittrattat id-differenza bejn sentenza u digriet u kienet ikkonkludiet li f’dak il-kaz si trattava minn digriet interlokutorju u kwindi ma temmx il-kwistjoni bejn il-partijiet u kien ghalhekk li cahdet it-talbiet attrici. Il-motivazzjoni kienet is-segwenti:

*“Illi huwa maghruf li llum il-gurnata, fis-sistema procedurali Malti, iddahhlu ghadd gmielu ta’ azzjonijiet li jinbdew bil-procedura tar-rikors. Dan wiehed l-izjed li jsibu f’ligijiet specjali[15], u l-proceduri li jitnisslu minn azzjonijiet specjali bhal dawn ghandhom min-natura ta’ kawzi shah, bil-provvediment ahhari moghti jikkostitwixxi sentenza fil-veru sens tal-kelma. Huwa b’xebh ma’ dawn l-ghamliet ta’ proceduri li l-atturi tal-lum qeghdin jghidu li l-ligi nehhiet kull distinzjoni bejn sentenzi u degrieti;*

*Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma’ din is-sottomissjoni tal-atturi, ghaliex dak li japplika ghal dawk il-proceduri “specjali” ma jidholx fil-kwestjoni li ghandha quddiemha l-Qorti llum f’dan il-kaz. Fl-ewwel lok, fejn fl-1995 il-legislatur ried li japplika istituti procedurali billi jwessaghhom ukoll ghall-procedura tar-rikors, hekk ghamel espressament. F’dan il-kaz, meta saru l-bidliet fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, fit-Titolu IV tat-Tieni Ktieb tal-Kap 12, ma ssemma xejn dwar smigh mill-gdid minn proceduri mibdija b’rikors, u izjed u izjed b’rikors fl-atti ta’ mandat kawtelatorju (bhalma huwa l-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum) li gie dekretat u maghluq;”*

---

[14] Cit Nru: 133/2001JRM deciza fid-9 ta’ Mejju, 2002

[15] Ara, per ezempju, art 73 tal-Kap 37, art 22 tal-Kap 101 u art. 218 u 402 tal-Kap 386; Citazz. Nru.133/01 JRM 8
9 ta’ Mejju, 2002

Minn dan il-bran u mil-ligi u mill-gurisprudenza din il-Qorti tikkonkludi li proceduri li jibdew a tenur ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhumiex tali li jaghtu lok ghal ritrattazzjoni anki jekk jispiccaw fil-kontradittorju. Tenendo kont li dan l-istitut li qeghdha tigi nvokata l-applikazzjoni tieghu ghandu jigi nterpretat ristrettivament u l-ligi li holqot il-procedura ta' l-artikolu 466 ma estendietx b'mod espress l-istitut ta' ritrattazzjoni ghall-istess proceduri din il-Qorti lanqas ma tista' testendi l-applikazzjoni tal-istess artikolu tal-ligi. Infatti r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendententement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja.

Waqt it-trattazzjoni saret referenza ghal diversi sentenzi mill-abbli difensur tad-Direttur, madankollu dawn is-sentenzi kollha jirreferu ghall-proceduri a tenur ta' l-artikolu 166A u ma humiex ta' sostenn ghat-tezi tieghu.

Illi kwistjoni ohra li trid tigi trattata hija jekk id-decizjoni li qeghdha tigi mpunjata kinitx tikkostitwixxi sentenza jew digriet. Dan il-kwezit tqajjem ukoll mill-istess ritrattand. Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 171 tal-Kap 12 ladarba si tratta ta' proceduri fil-Qorti tal-Magistrati (Sede Inferjuri). Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa**[16]

*"In-nullita` ta' l-atti gudizzjarji – u f'dawn hemm kontemplati wkoll id-digrieti u s-sentenzi tat-tribunali (**Kollez. Vol. XXVII pI p465**) – hi tassattivament regolata bl-Artikoli 789 u 790 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.*

*Fil-kuntest tal-aggravju interpost tan-nullita` tas-sentenza l-appellant jirreferi ghall-Artikolu 23 tal-Kap 12, in partikolari dik il-parti tieghu, sottolinejata mill-istess*

[16] App Nru: 749/2001PS deciz fit-28 ta' April, 2004

*appellant, li tghid li "l-parti operattiva tas-sentenza ghandha tinkludi talbiet jew l-eccezzjonijiet li jkunu gew decizi u kull dikjarazzjoni mahsuba li tkun konklussiva jew vinkolanti".*

*Hi l-fehma tal-Qorti illi dan id-dispost tal-ligi jrid jinqara unitament ma' l-Artikolu 218 tal-istess Kodici li jipprovdi li "fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut."*

*Issa huwa principju maghruf illi l-volonta` tal-gudikant tista' tittiehed anki mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat (**Kollez. Vol. XLII pI p187**). Dan ghaliex kif drabi ohra ritenut "jista' jkun hemm konstatazzjoni jew dikjarazzjoni f'sentenza li ma tkunx qeghda fil-parti dizpozitiva, izda tkun f'parti ohra tas-sentenza, izda mill-konstatazzjoni taghha u min-natura taghha, u mill-mod kif il-Qorti tkun esprimiet ruhha fuqha, jkun jidher illi din hija vera dikjarazzjoni li ghamlet il-Qorti" (**Kollez Vol XXXIII pI p230**).*

*Kif inhu bil-wisq risaput, "fil-maggor parti tal-kazijiet il-parti konkluzjonali tas-sentenza tirrijagruppa kull ma jkun gie deciz, anke kultant b'xi referenzi ghal jew ripetizzjonijiet kwazi superfluwi "ex abundantia cautela" tal-konstatazzjonijiet, decizjonijiet jew effettivi ga nseriti fil-premessi jew motivazzjonijiet" (**Kollez. Vol. XLIX pI p441**). L-importanti hu li, kif issokta jinghad f'din is-sentenza, "l-konkluzjoni finali ma tkunx kontradittorja mad-dikjarazzjonijiet li jkun hemm fil-parti razzjonali u li dawn ikunu almenu intelligibbli anke jekk mhux dettaljati." Dak li maggorment jitqies vitali hu li s-sentenza tkun verament investiet il-meritu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom. Mhux bizzejjed allura li tintuza fil-parti dispositiva l-espressjoni generika tac-cahda tat-talbiet jew tal-eccezzjonijiet ghax din certament ma tissodisfax fl-aspett kollu tieghu il-vot tal-ligi fl-Artikolu 218."*

F'dan il-kaz huwa dubjuz kemm jista' jinghad li fis-27 ta' Novembru 2012 inghatat sentenza. Ghalkemm il-kwistjoni bejn il-partijiet giet determinata certament li ma nghatatx f'forma ta' sentenza kif solitament isir u kif fuq spjegat izda jista' jinghad li nghatat f'forma ta' digriet li nghata *seduta stante*.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' ritrattata tichad it-talbiet tad-Direttur bl-ispejjez kollha a karigu tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------